MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2006

Appell Civili Numru. 981/1999/1

**Salvu Briffa u Nazzareno Briffa bhala mandatarju specjali ta' l-assenti huh Anthony Briffa u permezz ta' nota tad-9 ta' Novembru 1999, Anthony Briffa assuma l-atti f'ismu proprio**

**v.**

**Gerolamo Bugeja**

**Il-Qorti:**

## I PRELIMINARI

1. Din hija kawza ta' spoll li bdiet b'citazzjoni prezentata mill-atturi ahwa Briffa, fid-29 ta' April, 1999. Fiha allegaw, *inter alia*, li huma jippossjedu raba u li fl-istess zona l-konvenut Bugeja ghandu wkoll ir-raba tieghu. Jifred ir-raba rispettiv tal-kontendenti hemm trejqa li minnha l-atturi jallegaw li ghandhom dritt ta' passagg. Din it-trejqa kellha xatba li tinghalaq b'katnazz li l-kontendenti kellhom ic-cavetta taghha biex b'hekk ikollhom access ghar-raba taghhom. Jallegaw ukoll li fis-7 ta' Marzu 1999, jew xi zmien wara l-konvenut biddel il-katnazz li jsakkar din ix-xatba u rrifjuta li jaghti c-cavetta lill-atturi bil-kosegwenza li dawn ma kienx ghad baqghalhom access liberu ghar-raba taghhom. Jallegaw ukoll illi fl-istess zmien il-konvenut Bugeja imblokka permezz ta' hitan l-accessi kollha ghall-imsemmija trejqa li taghti ghar-raba ta' l-atturi ahwa. L-atturi allegaw li dan l-agir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin u ghalhekk huma intavolaw din il-kawza biex bis-sahha taghha huma jkunu jistghu jakkwistaw mill-gdid l-access liberu ghar-raba taghhom.

2. Il-konvenut ikkontesta l-kawza b'hames eccezzjonijiet li bihom bazikament qieghed jallega li l-atturi ma ghandhomx il-pussess tat-trejqa li fuqha qeghdin jivvantaw dritt ta' passagg u li lanqas jezistu l-elementi l-ohra ta' l-*actio spolii*.

3. Il-konvenut ipprezenta wkoll konto-talba, li giet ukoll kontestata mill-atturi bir-rispettivi eccezzjonijiet li ssollevaw kontriha. Ma hemmx il-htiega li din il-Qorti taghti dettalji dwar din il-kontro-talba u l-kontestazzjoni relattiva ghaliha li saret mill-atturi billi din il-materja ma tiffurmax parti mill-odjern appell.

4. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, li quddiemha giet pprezentata c-citazzjoni li tat bidu ghal din il-kawza, iddecidiet il-kawza b'sentenza moghtija fit-8 ta' Jannar, 2002. Biha l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u laqghet it-talbiet ta' l-attur u ghalhekk iddikjarat li l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin,

ipprefiggiet sittin gurnata biex il-konvenut jirrispristina l-access kollu li kien hemm qabel ghar-raba ta' l-atturi u awtorizzat lill-istess atturi li, fin-nuqqas ta' dan, l-atturi stess ikunu jistghu jirrientigraw l-access ghar-raba taghhom a spejjez tal-konvenut, li gie kkundannat wkoll li jhallas l-ispejjez kollha tal-kawza.

5. Ghall-ahjar intendiment ta' dak li ser jinghad aktar 'il quddiem, is-sentenza shiha ta' l-ewwel Onorabbli Qorti sejra tigi riprodotta hawn billi fiha d-dettalji kollha dwar it-talbiet ta' l-atturi, il-kontestazzjoni tal-konvenut, riassunt tal-provi voluminuzi li nstemghu fil-kawza kif ukoll il-motivazzjon kollha li wasslet li l-ewwel Qorti biex tiddeciedi l-kawza bil-mod li giet deciza. Is-sentenza taqra hekk:

**"Il-Qorti,**

**"I. <u>PRELIMINARI.</u>**

"Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

"Illi l-atturi jikru minghand l-Ufficcju Kongjunt zewg porzjoni raba' kontigwi f'zona maghrufa bhala l-Qasam il-Kbir gewwa l-Imqabba, liema raba' ggib ir-referenza Prog. 498 u 475 S.S. 4865 ta' l-istess Ufficcju Kongjunt;

"Illi l-konvenut jiddetjeni porzjoni ohra art fl-istess zona maghrufa bhala l-Qasam il-Kbir gewwa l-Imqabba, liema art tinsab vicin ir-raba' ta' l-atturi u hija separata mill-istess art permezz ta' trejqa li taghti access ghar-raba' tal-kontendenti;

"Illi l-atturi ghandhom dritt ta' passagg minn din it-trejqa;

"Illi xi zmien ilu l-kontendenti kienu installaw xatba f'din it-trejqa u kellhom ilkoll cavetta li tiftah l-istess xatba;

"Illi fis-7 ta' Marzu 1999, jew xi zmien wara, l-konvenut b'mod unilaterali u klandestin bidel il-katnazz li jsakkar ix-xatba u rrifjuta li jaghti cavetta lill-atturi ghalkemm

interpellat biex jaghmel dan, u b’hekk qed jigi impedut il-liberu access ghall-atturi;

“Illi inoltre, fl-istess zmien, il-konvenut imblokka permezz ta’ hitan l-accessi kollha li mill-imsemmija trejqa jaghtu ghar-raba’ ta’ l-atturi;

“Illi dan l-agir illecitu da parti tal-konvenut jikkostitwixxi spoll vjolenti, klandestin u ricenti fil-konfront ta’ l-atturi;

“Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat sabiex jirripristina l-access huwa baqa’ inadempjenti;

“Illi l-atturi qeghdin isofru danni ingenti f’li ma jistghux jikkuraw ir-raba’ u l-proprjeta` taghhom u l-prodott agrikolu ta’ l-istess raba’, ghal liema danni l-konvenut qieghed minn issa jinzamm responsabbli;

“Illi l-atturi m’ghandhomx mezz iehor biex jaccedu ghar-raba’ taghhom, hlief mill-imsemmija trejqa;

“Ghaldaqstant l-istess atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m’ghandiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti, klandestin u ricenti fil-konfront ta’ l-atturi billi bidel il-katnazz li jsakkar ix-xatba li taghti ghat-trejqa msemmija u rrifjuta li jaghti cavetta lill-atturi u b’hekk qed jimpedilhom il-liberu access, u billi permezz ta’ hitan imblokka l-accessi kollha li mill-imsemmija trejqa jaghtu ghar-raba’ mikrija lill-atturi;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jnehhi kull xkiel ghall-access ta’ l-atturi ghar-raba’ taghhom, billi jnehhi l-katnazz u jillibera l-accessi ghar-raba’ ta’ l-atturi mill-istrutturi eretti minnu;

3. Tawtorizza lill-atturi sabiex, fin-nuqqas tal-konvenut u a spejjez ta’ l-istess konvenut, jaghmlu huma x-xogholijiet necessarji u dan taht is-supervizjoni ta’ perit nominandi, jekk ikun il-kaz.

“Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et seq* tal-process;

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 9 tal-process fejn eccepixxa :-

1. Illi preliminarjament l-attur Nazzareno Briffa ghandu jaghti prova li huwa ghandu r-rapprezentanza ta’ l-assenti Anthony Briffa.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-eccipjent jismu Gerolamo Bugeja u mhux Girolamo Bugeja.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-eccipjent qatt ma seta’ jikkommetti l-ispoll allegat mill-atturi stante li l-eghlieqi li ghandu jinsabu fil-Qrendi u mhux gewwa l-Imqabba kif allegat mill-atturi.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-atturi m’ghandhomx il-pussess tat-trejqa li fuqha qeghdin jivvantaw dritt ta’ passagg.

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u kif ser jirrizulta mill-provi, ma jissustux l-elementi l-ohra ta’ l-*actio spolii.*

“Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda a fol. 10 u 11 tal-process;

“Rat il-kontro-talba tal-konvenut a fol.11 tal-process fejn talab:

“Illi l-konvenut ghandu l-utile dominju ta’ porzjonijiet ta’ art f’zona maghrufa bhala l-Qasam il-Zghir gewwa l-Qrendi;

“Illi l-konvenut kien minn fuq parti minn din ir-raba’ fforma trejqa li taghti ghal porzjonijiet differenti tar-raba’ tieghu;

“Illi l-konvenut kien ippermetta lill-attur Salvu Briffa sabiex ighaddi minn din it-trejqa b’tolleranza, filwaqt li l-attur l-iehor qatt ma nghata il-permess li jghaddi minn fuq l-istess trejqa;

“Illi l-attur Salvu Briffa kien gie nterpellat sabiex ma jkomplix jghaddi minn fuq l-imsemmija trejqa stante li l-konvenut ma kellux iktar pjacir bih;

“Ghalhekk l-istess konvenut talab li l-atturi jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. Tiddikjara li l-attur Anthony Briffa m’ghandu l-ebda titolu validu fil-ligi sabiex ighaddi minn fuq din it-trejqa.

2. Tiddikjara li d-dritt ta’ tolleranza li kellu l-attur l-iehor Salvu Briffa sabiex ighaddi minn din it-trejqa gie illum itterminat u ghalhekk m’ghandu l-ebda jedd li jghaddi minn dan il-passagg.

3. Tinibixxi lill-atturi milli jidhlu u/jew jaccedu fit-trejqa fuq imsemmija.

4. Tordna l-hrug ta’ mandat ta’ zgumbrament fil-konfront ta’ l-atturi f’kaz li jidhlu u/jew jaccedu fit-trejqa fuq imsemmija.

“Bl-ispejjez kontra l-atturi nkluzi dawk ta’ l-ittra legali tad-29 ta’ April 1999, li huma minn issa ngunti in subizzjoni

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol. 12 u 13 tal-process.

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-atturi wara l-kontro-talba tal-konvenut a fol.15 tal-process fejn gie eccepit:

1. Preliminarjament illi l-konvenut irid jipprova li jgawdi xi titolu fuq it-trejqa li taghti access ghar-raba’ tal-kontendenti;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-atturi jgawdu dritt ta’ passagg mill-imsemmija trejqa, liema dritt ilu jigi ezercitat ghal numru konsiderevoli ta’ snin, u hu l-uniku access ghar-raba’ ta’ l-atturi;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-raba' (4) talba tal-konvenut hija insostenibbli stante illi fil-jum tal-prezentata tat-talbiet rikonvenzjonali, l-konvenut kien diga` spussessa klandestinament lill-atturi mill-access ghat--trejqa fuq imsemmija;

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda a fol. 16 u 17 tal-process;

"Rat il-verbali tad-9 ta' Novembru 1999 fejn Dr. A. Mifsud Bonnici pprezenta nota ta' l-assunzjoni tal-atti ta' Anthony Briffa;

"Rat in-nota tal-atturi li permezz taghha pprezentaw l-affidavits ta' Nikola Baldacchino, Joseph Briffa, Nazzareno Briffa u Anthony Ellul;

"Rat in-nota tal-atturi a fol.25 tal-process;

"Rat in-nota tal-atturi li permezz taghha pprezentaw l-affidavits ta' Salvu Briffa, Anthony Briffa u Carmelo Briffa;

"Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Jannar,2000 fejn xehdu Vincent Ciliberti, Dun Anton Abela, Carmel Bugeja, Giovanna Demartino;

"Rat in-nota ta' Gerolamo Bugeja li permezz taghha esebixxa l-affidavits tal-konvenut u ta' Paul Cutajar;

"Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Marzu 2000 fejn xehdu in kontro-ezami Gerolamo Bugeja u Paul Cutajar. Dr.Mifsud Bonnici pprezenta nota bi tnax-il dokument;

"Rat in-nota tal-konvenut li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta' Silvio Bugeja; John Aquilina; Nazzju Ellul u Philip Bugeja;

"Rat il-verbali tas-seduti tat-23 ta' Mejju 2000 fejn xehed in kontro-ezami l-atturi Salvu Briffa u Anthony Briffa.

Dr.Anthony Ellul ghall-konvenut talab li l-Qorti tinnomina perit tekniku biex jistabbilixxi jekk hemmx access iehor ghal din l-art jew alternattivament li l-Qorti stess taccedi fuq il-post. Il-Qorti f'dan l-istadju cahdet it-talba. Dr. Anthony Ellul irrileva li l-affidavit ta' Joseph Briffa hu identiku ma' ta' Carmelo Briffa. Dr.A.Mifsud Bonnici talab l-isfilz ta' l-affidavits ta' John Aquilina u Nazzju Ellul. Dr.Ellul indika li tali xhieda ma gewx dikjarati peress li Aquilina sar jaf bih fil-mori tal-kawza u n-necessita` tax-xhud l-iehor Ellul qamet waqt il-kawza. Il-Qorti cahdet it-talba w ammettiet l-istess affidavits; tat-12 ta' Lulju 2000 fejn xehdu in kontro-ezami Nazzareno Briffa, Joseph Briffa, Carmelo Briffa u Nazju Ellul. Dr.Ellul pprezenta nota b'dokument; tas-26 ta' Ottubru 2000 fejn xehed John Aquilina u sar ftehim sabiex isir access;

"Rat in-nota tal-konvenut li permezz taghha prezenta kopja ta' ittra datata 27 ta' April 2000 mibghuta mill-ufficcju kongunt;

"Rat il-verbal tal-access tat-30 ta' Jannar 2001;

"Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Frar 2001 fejn xehed in kontro-ezami Anthony Ellul;

"Rat ir-rikors tal-konvenut fejn talab li jigi appuntat Imhallef Supplenti sabiex isir il-kontro-ezami tax-xhud Nicholas Baldacchino;

"Rat id-digriet tad-19 ta' April 2001 fejn il-Qorti appuntat l-Imhallef Supplenti li lilu jmiss it-turn;

"Rat il-verbali tas-seduti tal-25 ta' April 2001; tal-5 ta' Gunju 2001; u tal-11 ta' Ottubru,2001 fejn deher l-Imhallef Supplenti Dr.Victor Borg Grech li pprezenta x-xhieda. Id-difensuri qablu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza dwar il-kawza tal-ispoll u talbu li jaghmlu noti. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' 30 jum ghall-prezentata tal-istess nota bin-notifika/visto lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu 30 jum biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-8 ta' Jannar 2002 dwar il-kawza tal-ispoll.

“Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-atturi tat-8 ta’ Novembru 2001.

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut tat-3 ta’ Jannar 2002.

“Rat id-dokumenti esebiti.

“Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**“II. KONSIDERAZZJONIJIET**

“Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tinnota illi fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu l-istess konvenut indika li huwa jismu Gerolamo Bugeja u mhux Girolamo Bugeja, u ghalhekk din il-Qorti tordna korrezzjoni fl-okkju tac-citazzjoni u kull fejn jirrikorri b’dan li isem il-konvenut “Girolamo” jigi sostitwit ghall-isem “Gerolamo” ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

**“A. PRINCIPJI LEGALI**

“Illi l-principji bazilari tal-azzjoni ta’ spoll gew ikkonfermati diversi drabi fis-sentenzi nostrali, ibbazati fuq l-**Artikolu 534 tal-kap 16** u l-**Artikolu 791 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta’ Malta, u huma bbazati fuq it-tlett rekwisiti tal-*actio spolii* u cioe`:

(i) *possedesse*
(ii) *spoliatum fuisse*
(iii) *infra bimestre deduxisse*

“Illi tali principji u rekwiziti gew ezawrientement ikkonsidrati fis-sentenzi ta’ din il-Qorti fl-ismijiet “**Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said**” (Citazzjoni Numru 2426/97/RCP) deciza fit-13 ta’ Jannar 1999 u “**Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri noe**” (Citazzjoni Numru 1704/98/RCP) deciza fid-29 ta’ April 1999, u s-sentenzi hemm citati, u din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess u l-giurisprudenza hemm citata fejn gew eccentwati l-premessi principji:-

“(a) L-attur irid jipprova li fil-mument ta’ l-ispoll, huwa kien fil-pussess tal-oggett spoljat, izda tali pussess ma hemmx bzonn li jkun pussess b’titolu ta’ proprjeta` jew servitu`, izda anke **purament materjali jew di fatto**, izda mhux ta’ mera tolleranza (**Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri proprio et nomine** – App. 26 ta’ Jannar 1996).

“(b) “L-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest” (**Gio Maria Tonna vs Gius Maria Tonna** – P.A.H.H. 21 ta’ Frar 1983), pero` “pussess qasir hafna u sahansitra mumentarju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta’ spoll” (Vol. XXXVII. p. 11, pg. 642); b’ dan li l-pussess ma kellux ikun ekwivoku u kellu jkun manifest (**Camilleri vs Giglio** – Vol X – p. 55, 56).

“In effetti fis-sentenza “**Marthese Borg vs Gorg Borg**” (P.A. – 25.2.1993) inghad li:

“*L-univocita` ta’ tali pussess jew detenzjoni in fatti jehtieg li tirrizulta cara mill-fatti u tkun tali li tosta ghall-intenzjoni spolljattiva tal-pussess stess.*”

“Dawn il-principji gew ribaditi fis-sentenza tal-Appell fl-ismijiet “**Emanuel sive Leli Sammut vs John Sammut**” (Citazzjoni Numru 585/93GV) tad-19 ta’ April 1999 fejn l-istess Qorti tal-Appell sostniet li:-

““*L-attur allura kellu qabel xejn jipprova l-element tal-pussess. Kellu jipprova b’ mod konklussiv li kellu ‘un possesso di fatto’ u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta’ fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta’ din l-azzjoni.*” (**Ann Wismayer vs Rinaldo Wismayer Agius** – P.A. 5 ta’ Ottubru 1992).

“(c) Illi a bazi tal-**Artikolu 791 (3) tal-Kap 12**, il-Ligi tipprovdi tassattivament li:-

““*Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll.*”

"Hekk il-kawza "**Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et**" (P.A. FGC – Citazzjoni Numru 1163/93/FGC) tat-12 ta' Gunju 1998 gie riaffermat li:-

""*Il-Ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma tghatix lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabbbilixxi (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' spoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra, u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x' jghidu u x' ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrelevanti w inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna*" (**Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone** – Appell 9.3.1992). Tal-istess portata hija s-sentenza "**Mariano Farrugia et nomine vs Peter Paul Cutajar**" (Citazzjoni Numru 1441/97/FGC tat-23 ta' Ottubru 1998) fejn il-Qorti accentuat li:-

""*Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija intiza 'unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' iqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss*" kif jghid bl-aktar mod car l-**Artikolu 791 (1) tal-Kap 12** li sfortunatament jigi hafna drabi injorat.

"(d) Illi l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun arbitrarju u kontra il-volonta` tal-pussessur b' mod li jista' jghati lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att (**Joseph Scerri vs Spiridione Falzon** – P.A. A.M. 24.1.1958; **Joseph Vella vs Salvu Micallef** – P.A. JSP 30.4.1991).

"(e) Tali artikoli fuq citati huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk ma humiex ammessi eccezzjonijiet hlief eccezzjonijiet delatorji (**Margherita Fenech vs Paolo Zammit** – P.A. 12.4.1958, Vol XLLI. Pg. 973; **Carmelo Sacco vs Paul Sacco** – Appell 23.1.1998).

"(f) Illi ta' partikolari interess, fl-ambitu tal-kawza odjerna huwa dak stabbbilit fis-sentenza "**Alfred Pisani et vs Victor Farrugia**" ( P.A. FGC – 21 ta' Jannar 1994).

""*Jinghad li la l-Ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b' din l-azzjoni ta' spoll huwa ghandu jkollu pussess esklussiv. Anzi l-Qrati nostrali dejjem ippremettew li ko-possessur jagixxi b'din l-azzjoni kontra ko-possessur iehor li jikkommetti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipproteggi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv.*"

"(g) L-azzjoni ta' spoll trid issir "fi zmien xahrejn mid-data tal-kummissjoni tal-att spolljattiv, b'dan li skond il-pronunzjament fis-sentenza "**Norman Vassallo vs Filomena Esposito**" (Appell – 18 ta' Gunju 1993) inghad li *meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma saritx fiz-zmien preskritt mill-Ligi, il-prova ta' dan tinkommbi fuq l-eccippjenti ghaliex skond l-Artikolu 562 tal-Kap 12, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah.*"

"Illi minbarra dan dawn il-principji gew dejjem ikkonfermati fis-sentenzi moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **"N.M.J.Agius vs A. Said"** (P.A. RCP 13 ta' Jannar 1999.Citaz. Numru 2426/97/RCP); **"Joseph Mary Debono vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri nomine"** (P.A. 26 ta' April 1999 Citaz. Nru. 1704/98/RCP); **"Dr. Rene` Frendo Randon vs David Sciberras"** (P.A. 20 ta' Mejju 1999. Citaz. Nru. 2459/98/RCP); **"C. Fino & Sons Limited vs Market Consult Limited"** (P.A. 1 ta' Lulju 1999, Citaz. Nru. 1596/98/RCP); **"Maria Concetta Lando vs Eugenio Galea"** (P.A. 15 ta' Gunju 1999, Citaz. Numru 610/99/RCP); **"Christine Ward vs Neville Ward"** (P.A. 13 ta' Lulju 1999, Citaz. Numru 2082/98/RCP); **"Nazzareno Camilleri vs Joseph Buhagiar"** (P.A. 30 ta' Novembru 1999, Citaz. Numru 2328/98/RCP); **"Alan Mckay vs Jacqueline Mckay"** (P.A. 27 ta' Jannar 2000, Citaz. Numru 1660/98/RCP); **"Salvu Gauci vs Gaspare Psaila"** (P.A. 11 ta' April 2000, Citaz. Numru.

1887/97/RCP); **"Abela vs Abela"** (P.A. 13 ta' April 2000, Citaz. Numru 1949/99/RCP); **"John Saliba vs Joanne Refalo"** (P.A. 13 ta' April 2000, Citaz. Numru 467/98/RCP); **"Anthony Micallef vs Doris Micallef"** (P.A. 2 ta' Mejju 2000, Citaz. Numru 1167/99/RCP); **"Carmelo Fenech vs Joseph Vella"** (P.A. RCP. 3 ta' Ottubru 2000); **"Carmelo Mifsud vs Giuseppi Schembri"** (P.A. RCP 25 ta' Ottubru 2000); **"Clive Simpson vs Louis Muscat et"** (P.A. 13 ta' Frar 2001, Citaz. Numru 2451/98/RCP); **"Neville Xuereb vs Raymond Aquilina"** (P.A. RCP 14 ta' Marzu 2001); **"Marcus Xuereb vs Raymond Aquilina et nomine"** (P.A. 14 ta' Marzu 2001, Citaz. Numru 2142/99/RCP); **"NMR Properties Limited vs Raymond Aquilina et nomine"** (P.A. 14 ta' Marzu 2001, Citaz. Numru 2141/99/RCP); **"Giuseppi Spiteri vs Anthony Theuma"** (P.A. RCP 26 ta' April 2001); **"Mark Napier vs Andre` Bianchi"** (P.A. 26 ta' April 2001, Citaz. Numru 692/99/RCP); **"Michael Fenech vs Licari Estates Limited et"** (P.A. 26 ta' April 2001, Citaz. Numru 2139/99/RCP) u "**Paul Carbonaro vs Norman Dimech**" (P.A. 12 ta' Lulju 2001 – Citaz. Numru 632/98/RCP).

**"B. APPLIKAZZJONI TAL-LIGI GHALL-PROVI PRODOTTI**

"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-atturi jikru minghand l-Ufficcju Kongunt zewg porzjoni raba' kontigwi f'zona maghrufa bhala l-Qasam il-Kbir gewwa l-Imqabba. Illi l-konvenut min-naha tieghu jiddetjeni porzjon ohra fl-istess zona maghrufa bhala l-Qasam il-Kbir gewwa l-Imqabba, liema art tinsab vicin ir-raba' ta' l-atturi u hija separata mill-istess art permezz ta' trejqa li taghti access ghar-raba' msemmija. Illi dawn il-fatti m'humiex kontestati mill-partijiet fil-kawza.

"Illi l-indagni li trid taghmel din il-Qorti hija (i) jekk qattx kien hemm pussess ta' din it-trejqa kif qed isostnu l-atturi, jew inkella hux minnha l-allegazzjoni tal-konvenut li l-atturi kienu jghaddu biss minn din it-trejqa bi pjacir tieghu biss u mhux ghax kellhom xi dritt; (ii) m'hemm lanqas l-ebda kontestazzjoni li kien hemm xatba f'din it-trejqa u li din kienet tinfetah b'cavetta. Illi pero` l-katnazz li jsakkar ix-

xatba msemmija gie mibdul. Inghataw kopji tac-cavetta lil xi nies pero` ma nghatatx kopja lill-atturi. Il-kwistjoni fuq dan il-punt hija wkoll min fil-fatt biddel il-katnazz imsemmi jew min kienet il-persuna li tat l-ordni sabiex dan jinbidel; (iii) jekk l-azzjoni odjerna gietx intavolata fi zmien xahrejn kif rikjest mill-ligi.

“Illi rigward il-prova tal-pussess irrizulta mix-xhieda ta’ **Nikola Baldacchino**, li dejjem gie mqabbad mill-atturi u minn missierhom biex jahratilhom l-art, li biex jidhol fir-raba’ tal-atturi dejjem ghadda mit-trejqa biswit l-istess raba’. Hu spjega li fil-bidu ma kienx hemm xatba u madwar 25 sena ilu saret xatba tal-pjanci li kellha firroll u kulhadd kien jista’ jiftahha u jidhol minnha. Meta kien imur fuq ir-raba’ spiss kien jara lil Salvu Briffa li kien ihalli l-karozza tieghu fit-trejqa. Fl-ahhar kien jaf li twahhal katnazz max-xatba u biex jidhol ghat-trejqa kien imur Salvu Briffa u jiftah il-katnazz bic-cavetta tieghu. Minn Marzu 1999 ma setax jidhol aktar fir-raba’ tal-atturi ghax ma setghux jidhlu aktar mit-trejqa.

“Illi **Joseph Briffa**, hu l-atturi, jiftakar li minn mindu missieru ha r-raba’ mertu tal-kawza odjerna, madwar 34 sena ilu, dejjem dahlu mit-trejqa biswit ir-raba’. Huwa kkonferma dak li qal Baldacchino dwar il-bdil tax-xatba u qal li madwar 22 sena ilu missierhom qasam ir-raba’ u zied illi hutu Salvu u Anthony kienu jghaddu regolarment mit-trejqa. Xi tlett snin qabel id-data tal-affidavit hutu u l-konvenut bidlu x-xatba u hutu kellhom cavetta kull wiehed. F’Marzu 1999 inbidel il-katnazz tax-xatba. In kontro-ezami qal illi huwa m’ghadux juza’ l-passagg minhabba li l-ghalqa tieghu hi aktar ‘il fuq.

“Illi **Nazzareno Briffa**, hu l-atturi, kkonferma x-xhieda precedenti u qal li madwar tlett snin ilu (qabel ma sar l-affidavit), huwa flimkien ma’ hutu Salvu, Anthony u flimkien mat-tifel tal-konvenut, Pawlu Cutajar u huh hadmu biex biddlu x-xatba li taghti access ghat-trejqa.Sar katnazz u Pawlu tahom cavetta kull wiehed. F’Marzu 1999 marru biex jidhlu u ma setghux. Huma raw li l-bibien ta’ l-access mit-trejqa ghar-raba’ kienu maghluqa bil-gebel. In kontro-ezami qal illi dejjem ghadda minn hemm u li huwa

kellu c-cavetta f'isem huh Anthony. Dan l-ahhar ra lil Salvu u Anthony fl-ghalqa taghhom peress li jaqbzu l-hitan minn ta' huhom Joseph. Inoltre' qal illi l-bibien ta' l-access mit-trejqa ghar-raba' dejjem kienu hemm, m'ghamluhomx huma. Rigward ic-cavetta li x-xhud isostni li kienet ghand hutu huwa ma kienx prezenti meta allegatament tahilhom Pawlu Cutajar.

"Illi **Anthony Ellul**, li ghandu r-raba' tieghu fl-inhawi sa minn Ottubru 1983, xehed li *"Biex nidhol ghar-raba' tieghi nghaddi mill-istess trejqa li Salvu Briffa juza biex jidhol ghal tieghu."* Darba minnhom Pawlu Cutajar tah cavetta tax-xatba u qallu li kienet ghal katnazz li kien twahhal max-xatba. F'Marzu 1999 rega' nbidel u l-konvenut tah ic-cavetta. In kontro-ezami qal li f'Marzu 1999 Briffa talbu biex jidhol mieghu fit-trejqa ghax hu go hwejgu kien se jidhol. Rigward il-bibien li kienu jaghtu ghal ta' Salvu Briffa huma mbarrati mill-gebel. Huwa xehed li Salvu Briffa kien ighaddi minn fejn gie mbarrat u jiftakar ghal dawn l-ahhar 18-il sena.

"Illi **Salvu Briffa** qal li minn dejjem ighaddi mill-passagg mertu tal-kawza odjerna flimkien ma' hutu. Huma kienu jidhlu anki bl-ingenji. Ikkonferma li qabel ma kienx hemm xatba. Meta imbaghad saret il-Main Road l-ahwa Briffa u l-konvenut ftehmu li jaghmlu xatba (li ma kienitx tissakkar) fil-parti tat-trejqa li tmiss mal-Main Road. Madwar tlett snin qabel ftehmu li jbiddlu u ghamlu katnazz. Huwa, Anthony u l-konvenut ilkoll kellhom cavetta. In kontro-ezami qal li qatt ma wzaw passagg iehor li beda jindikalu l-avukat. Huwa cahad li kellem lil Ellul biex ighaddi min-nofs tieghu. Inoltre' qal li kien Pawlu Cutajar li kien tah ic-cavetta.

"Min-naha l-ohra **Carmel Bugeja**, iben il-konvenut, xehed li cavetta tal-katnazz huwa, hutu, missieru u Anthony Ellul biss kellhom. Hu qal li Briffa kienu jghaddu mix-xatba billi jiehdu l-permess minghand missieru. Pawlu Cutajar kien biddel il-katnazz u ta cavetta lil Briffa. Peress li l-konvenut kien irrabja dan Cutajar rega' biddel il-katnazz. Dan kollu gie kkonfermat mill-konvenut li kkorobora wkoll ma' l-istess xhieda. In kontro-ezami **l-konvenut** qal li daqqa Salvu kien jitolbu biex ighaddi minn hemm u daqqa

ighaddi minn fejn kellu dritt ighaddi. Illi pero` huwa qatt ma qal lil Gianni u lil Salvu Briffa biex ma jidhlux.

“Illi **Pawlu Cutajar** qal li huwa ghamel il-katnazz u li lejn l-ahhar ta’ Jannar 1999 ta kopja lil Salvu Briffa u peress li l-konvenut irrabbja rega’ bidlu fi Frar 1999 u ma tax kopja lil Briffa.

“Illi **Nazju Ellul** in kontro-ezami qal li lil Briffa gieli rahom ghaddejjin mill-passagg mertu tal-kawza odjerna. Inoltre’ xehed li biex gieli ghadda mill-passagg gieli talab permess lill-konvenut.

“Illi kwindi minn tali provi prodotti rrizulta bla ebda dubju li l-atturi kellhom fil-fatt “*possesso di fatto*” jew materjali tad-dritt tal-passagg u llum il-kwistjoni odjerna hija biss ristretta ghall-fatt ta’ pussess u l-element ta’ spoll u ghalhekk hija mmaterjali f’dan il-kuntest jekk tali pussess tal-atturi kienx bi dritt jew b’mera tolleranza.

“Illi fil-fatt minn din id-difiza proposta mill-konvenut jirrizulta car li l-atturi kienu jaghmlu uzu mill-istess passagg u l-konvenut kien ben konxju ta’ dan tant li fl-ewwel okkazzjoni meta saret jew tbidlet ix-xatba l-istess konvenut Salvu Briffa kien inghata kopja tal-istess, fatt ammess mill-konvenut li indika ben oltre mit-tolleranza eccepita mill-istess konvenut.  Dan il-fatt biss jirrikonoxxi li l-atturi kienu jghaddu mill-istess passagg mertu tal-kawza odjerna u l-insistenza tal-konvenut ma Pawlu Cutajar sabiex dan tal-ahhar ma jipprovdix access mill-istess xatba lill-atturi, sabiex dawn ma jvantaw ebda dritt fuq l-istess jikkonfermaw it-tezi tal-istess atturi u l-pretensjoni mill-istess konvenut sabiex l-atturi ma jibqghux juzaw l-istess access mill-passagg mertu tal-kawza odjerna.

“Illi dan kollu jirrizulta addirittura ammess fl-affidavit tal-konvenut innifsu li spjega b’mod tassew grafiku l-ghadab tieghu meta sar jaf li Pawlu Cutajar kien ta kopja tac-cavetta tal-istess xatba lill-attur Salvu Briffa, tant li bl-azzjoni tieghu l-istess konvenut ipperswada lill-istess Pawlu Cutajar sabiex ibiddel il-katnazz li kien ghadu kif ghamel tal-istess xatba bid-differenza pero` li kopja tac-

cavetta tal-istess katnazz il-gdid ma tinghatax lill-istess atturi nkluz lill-Salvu Briffa. Taht dan l-aspett ix-xhieda tal-konvenut hija wkoll ikkorroborata minn iben il-konvenut Silvio Bugeja u din ix-xhieda kollha fl-opinjoni ta' din il-Qorti tikkostitwixxi ammissjoni da parti tal-konvenuti li l-atturi kellhom sa dak in-nhar li nbidel il-katnazz access liberu ghall-istess passagg u li l-konvenut kellu l-intenzjoni specifika li bil-katnazz il-gdid jostakola l-istess access li l-atturi kellhom mit-trejqa msemmija ghall-ghelieqi taghhom.

“Illi inoltre' hija ferm inverosimili l-affermazzjoni min-naha tal-konvenut u certu xhieda prodotti minnu li Briffa kien jitolbu l-permess meta kien jidhol kull darba li ried ighaddi, tant li jirrizulta, kontrarjament ghal dak li allega l-konvenut li verament l-atturi dejjem kellhom access mill-istess trejqa, tant li meta Pawlu Cutajar biddel il-katnazz l-ewwel darba dan qabad u awtomatikament ta kopja tac-cavetta tal-katnazz il-gdid lil Salvu Briffa u dan kif ammess minn Pawlu Cutajar stess, u wkoll mill-istess konvenut li spejga ir-reazzjoni tieghu fuq indikata ghall-istess att maghmul minn Pawlu Cutajar bil-konsegwenza ovvja li gieghel lill-istess Pawlu Cutajar jerga' jmur ibiddel il-katnazz pero` din id-darba ghamel cert li ma jghatix kopja tac-cavetta tal-katnazz il-gdid lill-atturi, sabiex l-access li sa dak in-nhar l-atturi kellhom mill-istess xatba jigi ghal kollox ostakolat.

“Illi ghalhekk ghalkemm mill-provi ma hemm l-ebda kontestazzjoni li c-cavetta tal-katnazz inbidlet u li l-atturi ma naghatatilhomx kopja ta' tali cavetta la minn Pawlu Cutajar u lanqas mill-konvenut u dan fuq struzzjonijiet precizi da parte tal-istess konvenut jirrizulta wkoll li l-katnazz *de quo* tbiddel minn Pawlu Cutajar innifsu fuq struzzjonijiet tal-istess konvenut, u allura din il-Qorti mhux qed taccetta il-versjoni tal-konvenut li huwa qatt ma ta ordni lil hadd sabiex jinbidel l-istess katnazz.

“Illi fil-fatt il-fatti juru mod iehor, tant li mix-xhieda tal-konvenut innifsu moghtija fl-affidavit tieghu huwa stess jiddeskriva li ghajjat mal-istess Pawlu Cutajar meta sar jaf li dan ta' l-ahhar meta ghall-ewwel darba biddel il-katnazz

kien ta' kopja tac-cavetta tal-istess lill-istess attur Salvu Briffa, u din il-Qorti hija moralment konvinta li l-katnazz il-gdid inbidel mill-istess Pawlu Cutajar fuq struzzjonijiet tal-istess konvenut proprju sabiex l-atturi ma jkollhomx access ghall-istess passagg. Fil-fatt dan huwa logiku meta wiehed jikkonsidra li ma kien hemm l-ebda raguni sabiex f'perjodu ta' ftit jiem jew gimghat il-katnazz jinbidel darbtejn mill-istess Pawlu Cutajar, u dan iwassal ghall-konkluzjoni unika li Pawlu Cutajar biddel il-katnazz wara ftit zmien biss ghar-raguni li huwa kien sfurzat u ordnat biex jaghmel dan mill-konvenut li kellu il-mira unika li jostakola lill-atturi mill-access mill-istess xatba. Ma hemm l-ebda raguni ohra ghaliex tali katnazz kellu jinbidel darbtejn f'perjodu ta' ftit gimghat aktar u aktar meta huwa ammess li l-ewwel darba li nbidel il-katnazz kien biss ghaliex dan kien jinstab miksur.

"Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess din il-Qorti ma hijiex qed taccetta l-versjoni tal-konvenut li huwa qatt ma ta ordni lil hadd biex ibiddel il-katnazz, anzi din il-Qorti hija konvinta li tali katnazz rega' nbidel biss ghaliex il-konvenut ordna u nkariga lill-Pawlu Cutajar sabiex bl-iktar mod drastiku jerga' jbiddel il-katnazz li dan ta' l-ahhar kien ghamel fl-istess xatba bi struzzjoni specifika li din id-darba kopja tac-cavetta tal-istess ma tinghatax lill-attur Salvu Briffa, sabiex dan jigi mcahhad mill-access u pussess li jirrizulta li kellu mill-passagg *de quo*. Dan huwa aktar verosimili meta wiehed jikkonsidra li t-tezi tal-konvenut dejjem kienet li l-pussess li kellu l-attur kien biss ta' mera tolleranza u li dejjem insista li l-attur kellu jmur ghandu sabiex ikollu liberu passagg mill-istess trejqa, fatt li inoltre ma jirrizultax peress li l-atturi kienu jghaddu fl-istess passagg minhabba li kellhom access liberu ghall-istess minghajr l-intervent tal-istess konvenut.

"Illi inoltre jirrizulta wkoll li tant kien hemm ftehim bejn l-istess Pawlu Cutajar u l-konvenut dwar il-bdil tat-tieni katnazz li mix-xhieda ta' Anthony Ellul moghtija fl-affidavit tieghu tas-17 ta' Dicembru 1999 jirrizulta li kien il-konvenut innifsu li mar fuq l-istess xhud u tah ic-cavetta tal-katnazz il-gdid u dan bi struzzjoni specifika li din ic-cavetta ma jaghtihiex lill-barranin inkluz lill-atturi li

ovvjament ma kellhomx triq ohra hlief li jistitwixxu l-kawza odjerna.

“Illi ghal dak li jirrigwarda il-kwistjoni taz-zewg bibien li jaghtu access ghar-raba’ tal-atturi dan jirrizulta li wkoll gew imblokkati bil-gebel klandestinament u abbuzivament u dan fl-istess perjodu *press o poco* meta tbiddel it-tieni katnazz, tant li tali mblukkar gie kkonstatat mill-Qorti fl-access li gie mizmum minnha u jidher li l-intenzjoni kienet sabiex l-attur Salvu Briffa ma jkollux access ghar-raba’ tieghu hemm indikata. Infatti, Anthony Ellul fl-affidavit tieghu qal li z-zewg bibien li jaghtu ghar-raba’ ta’ Salvu Briffa gew imbarrati bil-gebel ghall-habta tal-1999. Ma jidhirx li mix-xhieda tal-konvenut dan il-fatt qed jigi b’xi mod ikkontestat u mill-kumpless tal-provi jidher car li l-intenzjoni tal-konvenut kienet li jaqta’ ghal kollox ir-raba’ tal-atturi mill-access taghha mill-istess passagg kemm mix-xatba u l-katnazz fuq indikati kif ukoll bl-imbarrar tal-istess fethiet mill-imsemmi passagg ghar-raba’ tal-istess atturi, u ghalhekk anke f’dan l-isfond it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

“Illi fl-ahharnett ghal dak li jirrigwarda jekk l-azzjoni ta’ spoll gietx intavolata fi zmien xahrejn li tghid il-ligi jinghad li m’hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar hekk. Irrizulta minn diversi xhieda li l-atturi ma setghux ighaddu aktar mill-passagg imsemmi minhabba li kien inbidel il-katnazz tax-xatba, u raw ukoll li z-zewg bibien li mit-trejqa jaghtu ghar-raba’ kienu nghalqu sa minn Marzu 1999, u ghalhekk la darba c-citazzjoni odjerna giet prezentata fid-29 ta’ April 1999 jirrizulta li l-istess kawza giet prezentata fit-termini stabbiliti mill-ligi.

“Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

**<u>“III. KONKLUZJONI.</u>**

“Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi :

(1) Tiddikjara illi l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti, klandestin u ricenti fil-konfront ta’ l-atturi billi bidel il-katnazz li jsakkar ix-xatba li taghti ghat-trejqa msemmija u rrifjuta li jaghti cavetta lill-atturi u b’hekk qed jimpedilhom il-liberu access, u billi permezz ta’ hitan imblokka l-accessi kollha li mill-imsemmija trejqa jaghtu ghar-raba’ mikrija lill-atturi;

(2) Tikkundanna lill-konvenut li fi zmien qasir u perentorju ta’ sittin (60) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jirrientegra lill-atturi fl-istat antecedenti ghall-istess spoll u dan billi jnehhi kull xkiel ghall-access ta’ l-atturi ghar-raba’ taghhom, billi jew inehhi l-katnazz li ghamel fl-istess xatba jew inkella billi jghaddi kopja tac-cavetta tal-istess lill-atturi u wkoll jillibera l-accessi ghar-raba’ ta’ l-atturi mill-istrutturi eretti minnu b’dan li jitnehha l-imbarrar bil-gebel li sar fl-accessi li kien hemm mir-raba’ tal-atturi ghall-istess trejqa b’mod li l-accessi mir-raba’ tal-atturi ghall-istess passagg tigi rientegrata fl-istat pristinu taghha u dan kollu taht id-direzzjoni tal-Perit Arkitett Valerio Schembri A&CE li qed jigi nnominat sabiex jaghmel supervizjoni tal-istess xogholijiet a karigu tal-konvenut;

(3) fin-nuqqas li dan isir mill-konvenut fit-terminu fuq indikat tawtorizza li l-istess reintegrazzjoni ssir mill-atturi taht is-supervizjoni tal-Perit Tekniku Valerio Schembri A&CE u dan kollox a spejjez tal-istess konvenut.

“Bl-ispejjez kollha nkluzi tal-Perit Tekniku kontra l-istess konvenut.”

## <u>**II L-APPELL**</u>

6. Il-konvenut Gerolamo Bugeja appella minn din is-sentenza b’rikors ta’ appell ipprezentat fil-25 ta’ Jannar, 2002. Fih huwa ressaq sitt aggravji u qieghed jitlob li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fit-8 ta’ Jannar 2002, u filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet sollevati mill-appellant, hija joghgobha

tichad it-talbiet ta’ l-appellati, bl-ispejjez kontra l-istess atturi appellati.

7. Ir-risposta ta’ l-appell ta’ l-atturi gietipprezentata fil-25 ta’ Marzu, 2004. Biha huma wiegbu ghall-aggravji kollha sollevati mill-appellant u rrimarkaw li s-sentenza appellata kienet wahda gusta u timmerita ghalhekk li tigi kkonfermata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI**

8. L-ewwel aggravju ta’ l-appellant jirreferi ghall-fatt li l-ewwel Qorti ordnat korrezzjoni fl-okkju tac-citazzjoni fis-sens li fejn jirrikorri l-isem tal-konvenut “Girolamo” jigi sostitwit bl-isem “Gerolamo” ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Fir-rigward ta’ dan il-provvediment moghti mill-ewwel Qorti l-appellant issolleva tlett lanjanzi:

(a) li l-ewwel ma setghetx *ex officio* tordna din il-korrezzjoni;

(b) li l-appellant kellu jigi notifikat mill-gdid bl-att tac-citazzjoni kif korretta; u

(c) li s-sentenza hija nulla peress li l-okkju tas-sentenza ma jirriflettix il-korrezzjoni li giet ordnata mill-Qorti.

9. Dan l-aggravju huwa fieragh. Kien l-appellant stess li bit-tieni eccezzjoni tieghu indika l-izball ortografiku f’ismu. Il-korrezzjoni relattiva saret mill-ewwel Qorti b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 175 tal-Kap. 12, u kuntrarjament ghal dak li allega l-appellant il-korrezzjoni ordnata mill-ewwel Qorti giet riflessa fl-okkju tas-sentenza. Il-Qorti setghet *ex officio* tordna din il-korrezzjoni, u ma kienx hemm il-bzonn li l-konvenut jigi notifikat mill-gdid bl-att tac-citazzjoni kif korretta ghas-semplici raguni li din il-korrezzjoni ma biddlet assolutament xejn mis-sustanza ta’ l-azzjoni jew ta’ l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza.

10. Anke t-tieni aggravju ta' l-appellant jirrazenta l-fieragh. B'dan l-aggravju l-appellant qieghed isostni li peress li l-ewwel Qorti ma trattatx it-tielet eccezzjoni sollevata mill-esponenti fis-sens li:

"l-eccipjent qatt ma seta' jikkommetti l-ispoll allegat mill-atturi peress li l-ghelieqi li ghandu jinsabu fil-Qrendi u mhux gewwa l-Imqabba kif allegat mill-atturi."

11. Ghal darb'ohra l-appellant qieghed jinvoka favur tieghu dak il-formalizmu zejjed li assolutament jistultifika l-kuncett tal-gustizzja. Dan ghas-semplici raguni li l-kwistjoni odjerna ma tikkoncernax il-lokalita` fejn jinsab ir-raba tal-kontendenti u fejn tinsab it-trejqa li fuqha l-appellati allegaw li l-access minnha gie imblukkat mill-appellant. Il-kwistjoni bazilari li kienet qeghda titratta l-Qorti fis-sentenza appellata kienet tirrigwarda l-allegazzjoni jekk il-konvenut ikkommettiex spoll jew le. Jirrizulta li r-raba u t-trejqa in kwistjoni gew debitament identifikati mill-provi akkwiziti fil-process. Inoltre jirrizulta minn *fol.* 316 tal-process li l-ewwel Qorti zammet access fuq il-post fit-30 ta' Jannar 2001 u kienu wkoll prezenti d-difensuri tal-partijiet, flimkien ma' l-istess partijiet. Konsegwentement zgur li ma kien hemm l-ebda ekwivoku dwar il-lokalita` preciza li fiha jinsabu r-raba u t-trejqa meritu tal-kawza odjerna. Ghalhekk dan l-aggravju huwa wkoll assolutament infondat.

12. Bit-tielet aggravju tieghu, l-appellant jattakka s-sentenza appellata fejn fiha gie ritenut li:

"Hija immaterjali f'dan il-kuntest jekk tali pussess ta' l-atturi kienx bi dritt jew b'mera tolleranza."

L-appellant jghid li l-atturi fic-citazzjoni taghhom ibbazaw il-pretensjoni taghhom fuq l-allegazzjoni li huma

ghandhom dritt ta' passagg, dritt li akkwistaw fuq it-trepass taz-zmien. L-appellant, invece, jishaq li l-imsemmi uzu li l-atturi kienu jaghmlu mill-passagg kien bazat fuq mera tolleranza. Huwa jghid li dan mhuwiex bizzejjed biex ikun jista' jinghad li l-atturi kellhom pussess tal-passagg u f'dan il-kuntest jaghmel referenza ghal xi gurisprudenza tal-qrati taghna. Huwa jghid illi fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia v. Emanuel Farrugia**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-4 ta' Mejju, 1956 inghad hekk:

"L-atti ta' semplici tolleranza ma jistghux iservu ta' fondament ghall-akkwist ta' pussess legittimu."

13. L-ewwel Qorti kienet waslet ghall-konkluzjoni fis-sentenza appellata li mill-provi prodotti kien jirrizulta bla ebda dubju li l-atturi kellhom fil-fatt "*possesso di fatto jew materjali ta' dritt ta' passagg u llum il-kwistjoni odjerna hija biss ristretta ghall-fatt ta' pussess u l-element ta' spoll u ghahekk hija mmaterjali f'dan il-kuntest jekk tali pussess ta' l-atturi kienx bi dritt jew b'mera tolleranza*"

14. Mill-provi migbura fil-process jinsab stabbilit li l-atturi appellati kienu ilhom snin twal jaghmlu uzu mit-trejqa meritu tal-kawza biex huma jghaddu ghar-raba taghhom kif ukoll bl-ingenji taghhom. Irrizulta li kienet ukoll saret xatba u huma kellhom kopja tac-cavetta tal-katnazz relattiv. Ghalhekk wiehed ma jistax jghid li ma kellhomx il-pussess li jista' jigi tutelat bl-azzjoni odjerna ta' spoll. Dan il-pussess mmanifesta ruhu bhala stat ta' fatt ghaliex kienu jezercitawh apertament u terzi persuni kienu jafu li huma kellhom access minn din it-trejqa li kienet tinghalaq bix-xatba. L-appellant jallega li l-atturi kienu jaghmlu dan l-uzu mit-trejqa b'mera tolleranza tieghu u ghalhekk jallega li huma ma kellhomx pussess tutelabbli.

15. M'hemmx dubju li kien jinkombi fuq l-appellant li jipprova din l-allegazzjoni tieghu. Rigward il-prova ta' tolleranza din il-Qorti kellha s-segwenti xi tghid fuq is-

suggett fil-kawza fl-ismijiet **Maria Caruana v. Benedict Spiteri et** deciza fl-24 ta' Marzu 2004:

"….. in vista tal-fatt li min jezercita poter ta' fatt fuq il-haga huwa prezunt possessur, jispetta lil min jikkontesta dan il-pussess li jipprova li l-pussess hekk vantat jidderivi minn att ta' tolleranza. Dan ghaliex, kif drabi ohra gie osservat, "it-tolleranza ma ghandhiex tigi prezunta u ghandha ghalhekk tigi pruvata almenu a prima facie. (Kollezzjoni Volum XXXVI p. I p. 292) u "il-piz ta' din il-prova jinkombi fuq min jinvoka t-tolleranza" (Kollezzjoni Volum XXLIV p. II p. 608)."

Bhala fatt il-kwistjoni tat-tolleranza giet ukoll sollevata fil-kontro-talba ta' l-appellant, liema kontro-talba pero` ma tiffurmax il-meritu tas-sentenza odjerna appellata u ghalhekk din il-kwistjoni, in kwantu tikkoncerna l-istess kontro-talba, qeghda tithalla impregudikata minn din il-Qorti.

16. Fil-kawza fl-ismijiet **Bertu Camilleri v. Joseph Sciberras** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Lulju 2003, inghad hekk:
"L-ezami tal-Qorti ghandu jkun limitat ghall-fatt ta' l-ispoll u tal-pussess, u mhux ghall-investigazzjoni tan-natura tal-pussess ta' l-ispoljat; dan ghaliex il-ligi ma tirrikjedix hlief pussess materjali u ta' fatt. Ghal din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix prova ta' legittimita tal-pussess tat-turbat, u takkorda r-rientigrazzjoni anke kontra l-possessur in mala fede u kontra l-istess proprjetarju tal-haga li taghha hemm il-pretensjoni li gie kommess spoll. Hemm ir-rekwiziti ta' spoll anke meta l-ispoljat ghandu s-semplici detenzjon, u l-uniku kaz fejn il-gudizzju ta' l-ispoll jista' jigi sospiz, huwa meta l-pussess ikun ekwivoku u mhux manifest. Intqal ukoll li l-possessur jista' jirnexxi f'din l-azzjoni, "*comunque breve ed illegittima possa essere stato tale possesso"* (ara Volum XXXVII.I.280, XXVI.II.558, XXIII.II.82).

Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Micallef v. Sammut** deciza fit-2 ta' Lulju 1992, osservat li l-azzjoni ta' spoll tirnexxi anke jekk il-pussess huwa prekarju; pussess materjali ta' kwalunkwe xorta huwa bizzejjed. "In tema legali jinghad li l-*actio spolii* hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita` socjali milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jigi impedit ic-cittadin privat jiehu l-gustizzja b'idejh b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat."

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet huwa ovvju li anke dan it-tielet aggravju ta' l-appellant huwa ghal kollox bla ebda bazi.

17. Ir-raba' aggravju ta' l-appellant huwa indirizzat ghall-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti, u b'dan l-aggrajvu l-appellant qed isostni li kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti, ma tezisti l-ebda prova li l-katnazz inbidel fuq struzzjonijiet ta' l-istess appellant. Huwa jghid li fl-ebda stadju ma ta ordni lil Paul Cutajar sabiex dan ibiddel il-katnazz tax-xatba. Huwa jaghmel referenza ghax-xhieda ta' Paul Cutajar meta xehed li:

"ghaddew xi granet u jien qbadt u minn jeddi, minghajr ma ghidt b'xejn lil hadd, ergajt bdilt il-katnazz."

Mix-xiehda ta' dan ix-xhud, l-appellant ikompli jghid, jirrizulta li fuq il-post huwa kien izomm ingenji li jiswew hafna flus u li kien sab xi affarijiet neqsin. L-appellant jghid ukoll li huwa minnu li huwa kien qal lil Paul Cutajar li "issa li ta c-cavetta lil barranin seta' kuljum jorqod fuq il-post ghaliex jekk jinsterqu xi haga mill-ingenji jew l-ghodda li ghandu ma setax joqghod igerger" u josserva li dan kien kliem li seta' wassal lil Paul Cutajar sabiex jirrifletti u minn jeddu jmur u jibdel il-katnazz. L-appellant ikompli jghid li x-xiehda kollha li tressqu mill-atturi

kkonfermaw li ma rawx lill-appellant ibiddel il-katnazz tax-xatba u jew jaghlaq xi aperturi bil-gebel.

18. Il-principju bazilari li ghandu jirregola l-andament ta' din il-Qorti fil-konfront ta' dan l-aggravju huwa li din il-Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni li tuza l-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi u tax-xiehda hlief jekk ikunu rrizultaw motivi serjissimi u gravi u taghmel hekk biss biex tkun tista' tevita li ssir ingustizzja manifesta. Dan il-principju jinsab assodat f'gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti u jaghmel hafna sens ghaliex fil-bicca l-kbira tal-kazi l-ewwel Qorti tkun f'posizzjoni ferm ahjar minn din il-Qorti ta' revizjoni biex tizen il-provi li hija stess tkun semghet u gabret fil-mori tal-kawza. Din il-Qorti ezaminat l-istess provi li huma akkwiziti fil-process u hija tinsab konvinta li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament gust u tajjeb tal-provi li kellha quddiemha u ghalhekk certament id-diskrezzjoni moghtija lilha mil-ligi giet uzata minnha korrettament. Konsegwentement anke dan ir-raba' aggravju ta' l-appellant huwa bla ebda bazi legali.

19. Il-hames u l-ahhar aggravju ta' l-appellant jikkontesta li l-atturi appellati ma ghamlux prova debita tat-terminu tax-xahrejn li fiha kellha tigi prezentata l-azzjoni prezentata c-citazzjoni dwar spoll. L-appellant ma jaqbilx ma l-ewwel Qorti li ma kienx hemm kontestazzjoni fuq dan il-punt. Huwa jirreferi ghall-hames eccezzjoni tieghu u kien ikkontesta li "li ma jissussistux l-elementi l-ohra ta' l-*actio spolii*". Huwa jghid l-oneri tal-prova jinkombi fuq min kien qieghed jintavola l-kawza. Huwa jirreferi wkoll ghan-nota ta' sottomissjonijiet tieghu fejn giet trattata b'mod ampju t-tezi li l-kawza ma gietx intavolata *infra bimestre*. Huwa rrefera ghax-xiehda ta' Paul Cutajar li kien xehed li l-katnazz inbidel fil-bidu ta' Frar 1999, verzjoni li kienet konfermata minn Silvio Bugeja u Philip Bugeja. L-appellant jghid li x-xhieda li ressqu l-atturi kollha saru jafu b'dak li gara f'Marzu 1999 u li l-kawza giet prezentata fid-29 ta' April, 1999.

20. B’dan l-aggravju l-appellant qieghed bazikament hawn ukoll jattakka l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi. Allura f’dan il-kuntest japplika l-principju li ssemma’ qabel u cioe` li *in linea* ta’ massima, din il-Qorti ta’ revizjoni ma tindahalx biex tiddisturba d-diskrezzjoni wzata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi *a meno che* ma jkunx jirrizultalha li din d-diskrezzjoni giet ezercitata manifestament b’mod hazin jew ghal xi motiv iehor gravissimu. Anke fil-konfront ta’ dan l-aggravju din il-Qorti ma sabet xejn ta’ din in-natura li jista’ b’xi mod jiggustifika li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni wzata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi dwar ir-rekwizit ta’ l-*infra bimestre*. Ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi michud.

21. Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, tordna li l-ispejjez ta’ din l-istanza jibqghu kollha a karigu ta’ l-appellant. Fl-ahharnett tordna li l-atti jintbaghtu mill-gdid quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti sabiex il-kawza tkompli tiehu l-kors taghha fil-konfront tal-kontro-talba ta’ l-appellant u tal-kontestazzjoni relattiva ta’ l-appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------